MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2014

Numru 289/2014

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Unai Lacalle Zumeta**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Unai Lacalle Zumeta ta’ 40 sena bin Jesus u Mercedes nee’ Zumeta, imwieled Zarautz Spanja fis-19 ta’ Dicembru, 1973, temporanjament residenti fil-Facilita’ Korrettiva

ta’ Kordin, detentur tal-passaport Spanjol numru AAC988575 u karta ta’ l-Identita’ Spanjola b’ numru 72454512G.

Akkuzat talli fl-14 ta’ Jannar, 2014 ghal habta ta’ 8:15am u hinijiet wara waqt li kien fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin f’ divizjoni 6 minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’ periklu car kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Jose Ramon Garate Lasarte skond ma ccertifika t-tabib Dr Alison Micallef Reg. No. 3005 mill-iSptar Mater Dei.

Il-Qorti giet mitluba li f’ kaz ta’ htija tapplika l-Artikolu 33A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment ukoll mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta ta’ Jose Ramon Garate Lasarte u tapplika l-provvediment ta’ Art. 383, 384 u 35 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar is-16 ta’ Mejju, 2014 ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss

wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li l-parti leza kkonferma li llum il-gurnata hu u l-imputat irrisolvew il-pendenzi ta’ bejniethom u kkonferma ukoll li l-griehi minnu sofferti ma kellhomx il-konsegwenzi ndikati fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 216, 33A u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lil imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------